**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 281/00JR**

**GasanMamo Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurata taghhom Sandra Micallef**

**vs**

**Hassan Ali Mohammed**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tnejn u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm162.75), danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-12 ta' Dicembru, 1998, gewwa Church Street, kantuniera ma' Gart Street, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAJ-672 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAM-048 misjuqa**

**minn u proprjeta` ta' Sandra Micallef, l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 1999, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra d-degriet tat-23 ta' Jannar, 2001, li bih laqgha t-talba tas-socjeta` Untours Insurance Agency Ltd. sabiex tintervjeni "in statu et terminis".**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra r-risposta prezentata minn Untours Insurance Agency Ltd. fit-8 ta' Frar, 2001, li fiha qalet:**

i. **illi dan it-tribunal ghandu jiddeciedi li kull sentenza kontra l-konvenut u li ssoltu tkun esegwibbli kontra l-intervenjent qua assikuratur tal-karozza numru DAJ-672, ai termini tal-Kap.104 mhix fil-kaz prezenti esegwibbli kontra l-intervenjent fil-kawza;**

ii. **illi dan qed jintalab:**

a. **minhabba li l-“insurance cover” ma kienx ikopri lill-konvenut (Dok.P);**
b. **kif spjegat fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Gunju, 1981, fl-ismijiet Dr. Maria Fatima Mallia vs Joseph Sammut et. Per Harding Hugh J.J..**

**Semgha x-xhieda ta’ Anthony Amaira. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi s-socjeta` intervenjent fil-kawza ma tista’ tigi ritenuta b’ebda mod responsabbli ghar-risarciment ta’ l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. L-istess socjeta` intervenjenti kienet irceviet ittra ufficjali fit-2 ta’ Marzu, 2000, u qabel dan hadd ma kien avzaha dwar l-incident in kwistjoni. Huma kienu kitbu lill-assikurat taghhom Helenio Micallef li infurmahom li kien biegh il-karrozza xi gimghatejn wara li bdiet il-polza, lil wiehed li kellu jiehu hsieb jaghmel polza ta’ assikurazzjoni u transfer. It-trasnfer cert li sar lill-wiehed Malti. Ghall dawn ir-raunijiet ma hemmx dubbju li l-polza ma kienetx tkopri lill-konvenut.**

**Ghaldaqstant, In vista tal-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija tnejn u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm162.75), bl-imghax legali mit-3**

**ta' Marzu, 1999. Din id-decizjoni ma tkunx esegwibbli kontra l-intervenjent fil-kawza.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 1999, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104, kif ukoll l-ispejjez ta' l-intervenjent fil-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**